industrijali min-naħa l-oħra, l-attivitajiet ta' l-ipproċessar u tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti agrikoli ġew inklużi fl-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1998/2006, li jirregola l-għajnuniet *de minimis* għall-attivitajiet industrijali. Għaldaqstant dawn l-attivitajiet ġew esklużi mill-ambitu ta' l-applikazzjoini tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004. Is-setturi tas-sajd u ta' l-akkwakultura, li huma koperti bir-Regolament Nru 1860/2004, fil-ġejjieni qarib ser ikunu is-suġġett ta' regolament *de minimis* seperat. Għall-finijiet ta' ċarezza, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1860/2004 jiġi abrogat u sostitwit b'regolament ġdid, li jkun japplika esklussivament għas-settur tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli.

(5) Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba mill-Kummissjoni, l-ammont massimu ta' EUR 3 000 għal kull benefiċjarju fuq perjodu ta' tliet snin, jista' jiżdied għal EUR 6 000 u l-limitu ta' 0,3 % tal-produzzjoni annwali tas-settur agrikolu, jista' jiżdied għal 0,6 % mingħajr ma jintlaqat il-kummerċ bejn l-Istati Membri, mingħajr ma l-kompetizzjoni tkun jew tirriskja li tkun imxekkla u mingħajr ma l-għajnuniet konċessi f'dawn il-limiti ma jinqabdu mill-Artikolu 87(1) tat-Trattat, kemm-il darba jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet. Barra minn hekk, din iż-żieda tippermetti li jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi. L-għajnuniet li fit-totalità tagħhom jeċċedu s-EUR 6 000 ma jistgħux jiġu diviżi f'ammonti iżgħar biex jittieħed benefiċċju minn dan ir-Regolament.

(6) Dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-għajnuniet għall-esportazzjoni u lanqas għall-għajnuniet li jiffavorixxu l-użu tal-prodotti nazzjonali għad-detriment tal-prodotti impurtati. B'mod partikolari, l-għajnuniet għall-istabbiliment u għall-funzjonament ta' netwerk ta' distribuzzjoni f'pajjiżi oħra għandhom jiġu esklużi mill-ambitu ta' l-applikazzjoini tiegħu. L-għajnuniet li għandhom l-għan li jkopru l-ispejjeż ta' parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali u l-ispejjeż għal studji jew għal servizzi meħtieġa għall-introduzzjoni ta' prodott ġdid jew ta' prodott eżistenti fuq suq ġdid, ġeneralment ma jikkostitwixxux għajnuniet għall-esportazzjoni.

(7) Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, meta l-Komunità tkun adottat regolament dwar l-istabbiliment ta' organizazzjoni komuni tas-suq f'settur determinat ta' l-agrikoltura, l-Istati Membri huma obbligati li jastjenu milli jieħdu kwalunkwe miżura li min-natura tagħha tmur kontra jew hija ta' ħsara għal dik l-organizzazzjoni ([1]). Għan din ir-raġuni dan ir-Regolament ma jistax japplika għall-għajnuniet li l-ammont tagħhom huwa stabbilit abbażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti mixtrija jew imqiegħda fuq is-suq.

(8) Għall-finijiet ta' trasparenza, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' l-applikazzjoni korretta tal-limitu *de minimis*, jeħtieġ li l-Istati Membri jużaw l-istess metodu ta' kalkolu. Biex jithaffef il-kalkolu, jeħtieġ li l-ammont ta' l-għajnuniet konċessi, għajr dawk mogħtija bħala sussidju, jiġi konvertit f'ammont ekwivalenti għas-sussidju gross. Il-kalkolu tas-sussidju ekwivalenti għall-forom ta' l-għajnuniet trasparenti għajr dawk is-sussidji jew l-għajnuniet imħallsa f'diversi pagamenti, jeħtieġ l-użu tar-rati ta' l-interessi applikabbli fuq is-suq fil-mument tal-konċessjoni. Għall-finijiet ta' konsistenza fl-applikazzjoni trasparenti u semplici tar-regoli dwar l-għajnuniet statali, hemm lok li jitqies li r-rati tas-suq applikabbli fil-kuntest ta' dan ir-Regolament ikunu r-rati ta' referenza stipulati minn żmien għal żmien mill-Kummissjoni abbażi tal-kriterji oġġettivi ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* jew fuq l-Internet. Madankollu jista' jkun meħtieġ li jiżdiedu xi punti bażi mar-rata bażika rigward il-garanziji mogħtija jew ir-riskju assoċjat mal-benefiċjarju.

(9) Għall-finijiet ta' trasparenza, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' l-applikazzjoni korretta tal-limitu *de minimis*, jeħtieġ li l-Istati Membri jużaw l-istess metodu ta' kalkolu. "Għajnuna trasparenti" tfisser għajnuna li għaliha jista' jiġi kkalkolat preċiżament u preliminarjament l-ammont ekwivalenti għas-sussidju gross, mingħajr il-ħtieġa li ssir l-analiżi tar-riskju. Il-kalkolu preċiż jista' pereżempju jintuża għal sussidji, għal titjib fir-rati ta' l-interessi u għal eżenzjonijiet fiskali fissi. L-għajnuniet li jikkonsistu f'self vantaġġuż għandhom jitqiesu bħala għajnuniet *de minimis* trasparenti, meta jiġi kkalkolat l-ammont ekwivalenti għas-sussidju gross abbażi tar-rati ta' l-interessi applikabbli fuq is-suq fil-mument tal-konċessjoni ta' l-għajnuna. L-għajnuniet li jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet kapitali m'għandhomx jitqiesu bħala għajnuniet *de minimis* trasparenti, ħlief jekk l-ammont totali tal-kontribuzzjoni kapitali pubblika tkun anqas mill-massimu *de minimis* għal kull benefiċjarju. L-għajnuniet li jikkonsistu f'miżuri ta' investiment kapitali bħal dawk indikati fil-linji gwida dwar l-għajnuniet statali, bl-għan li jippromwovu l-investimenti f'forma ta' investimenti kapitali f'intrapriżi żgħar u medji ([2]), m'għandhomx jitqiesu bħala għajnuniet *de minimis* trasparenti, ħlief jekk fil-qafas tas-sistema ta' l-investiment kapitali kkonċernat, il-kontribuzzjoni kapitali ta' kull intrapriża benefiċjarja ma tkunx teċċedi l-massimu tad-*de minimis* għal kull benefiċjarju. B'qies għal-livell ta' l-ammonti li jkunu jistgħu jitqiesu li ma jxekklux jew li ma jirriskjawx li l-kompetizzjoni tiġi mxekkla u għaldaqstant li ma jaqgħux fl-ambitu ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat fissens ta' dan ir-Regolament, dan ta' l-aħħar m'għandux japplika għall-għajnuniet f'forom ta' garanziji.

(10) Fid-dawl tad-diffikultajiet marbuta mad-determinazzjoni ta' l-ammont tas-sussidju gross ekwivalenti għall-għajnuna konċessa lil dan it-tip ta' kumpaniji, dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-kumpaniji f'diffikoltà fis-sens tal-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet statali, għall-irkupru u għar-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikoltà ([3]).

(11) Skond il-prinċipji li jirregolaw l-għajnuniet, stipulati fl-Artikolu 87(1) tat-Trattat, l-għajnuna *de minimis* għandha titqies daqs li kieku ġiet konċessa fil-mument ta' l-għoti tad-dritt tad-dħul ta' din l-għajnuna lill-kumpanija, bis-saħħa tar-regolamentazzjoni nazzjonali applikabbli.

(12) Sabiex jiġi evitat li d-dispożizzjonijiet dwar l-intensitajiet ta' l-għajnuniet massimi stipulati fi strumenti Komunitarji differenti ma jiġux injorati, l-għajnuniet *de minimis* m'għandhomx ikunu tali li jistgħu jiġu akkumulati ma' l-għajnuniet statali għall-istess infiq ammissibbli, jekk l-akkumulazzjoni twassal għal intensità ta' għajnuna li teċċedi l-livell stipulat fiċ-ċirkostanzi speċifiċi għal kull każ, permezz tar-regolamentazzjoni Komunitarja.

([1]) Sentenza tad-19 ta' Settembru 2002 fil-kawża *Spanja v/ il-Kummissjoni*, Rec. 2002 p. I-7601, punt 73

([2]) ĠU C 194, 18.8.2006, p. 2.

([3]) ĠU L 244, 1.10.2004, p. 2.

(13) Dan ir-Regolament ma jeskludix il-possibbiltà li miżura adottata minn Stat Membru ma titqiesx bħala għajnuna statali fis-sens ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat, fuq bażi oħra għajr dan ir-Regolament, pereżempju f'każ tal-kontribuzzjonijiet kapitali, għaliex il-miżura kkonċernata hija konformi mal-prinċipju ta' l-investitur privat li jopera f'kundizzjonijiet normali f'ekonomija tas-suq.

(14) Il-Kummissjoni għandha tassigura li r-regoli applikabbli għall-għajnuniet statali jiġu osservati u b'mod partikolari li l-għajnuniet konċessi skond ir-regola *de minimis* jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fuq is-suġġett. Skond il-prinċipju ta' kooperazzjoni stipulat fl-Artikolu 10 tat-Trattat, l-Istati Membri huma obbligati jiffaċilitaw it-twettiq ta' dan l-għan billi jistabbilixxu l-mekkaniżmu meħtieġ sabiex jiġi assigurat li l-ammont totali ta' l-għajnuniet konċessi skond l-imsemmija regola, la jeċċedu l-limitu ta' EUR 6 000 għal kull benefiċjarju u lanqas il-limiti globali mill-Kummissjoni abbażi tal-valur tal-produzzjoni fis-settur agrikolu. Huwa meħtieġ għalhekk li meta l-Istati Membri jikkonċedu għajnuna *de minimis*, jinformaw b'dan lill-kumpaniji, ikollhom l-informazzjoni kollha dwar l-għajnuniet *de minimis* l-oħra li l-kumpanija tkun irċeviet matul l-aħħar tliet snin u jivverifikaw b'attenzjoni jekk l-għajnuna l-ġdida twassalx biex l-ammont totali ta' l-għajnuniet *de minimis* jeċċedi il-limiti *de minimis*. L-osservanza ta' dawn il-limiti tista' wkoll tkun ivverifikata permezz ta' reġistru ċentrali.

(15) Ir-Regolament (KE) Nru 1860/2004 jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2008. Peress li dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ qabel din id-data, jeħtieġ li jiġu mfissra l-konsegwenzi ta' l-applikazzjoni tiegħu, għall-għajnuniet konċessi lill-kumpaniji fis-settur tal-produzzjoni tal-prodotti, kif rikjest mir-Regolament (KE) Nru 1860/2004.

(16) Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba mill-Kummissjoni u b'mod partikolari tal-ħtieġa li tirrevedi regolarment il-politika tagħha fil-qasam ta' l-għajnuniet statali, huwa meħtieġ li tillimta l-perjodi ta' validità ta' dan ir-Regolament. Jekk dan jiskadi mingħajr ma jkun ġie mġedded, l-Istati Membri jkollhom perjodu ta' adattament ta' sitt xhur għall-għajnuniet *de minimis* li jkunu saru skond dawn id-dispożizzjonijiet.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Ambitu ta' l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament japplika għall-għajnuniet konċessi lill-kumpaniji fis-settur tal-prodotti agrikoli, bl-eċċezzjoni ta':

a) l-għajnuniet li l-ammont tagħhom huwa stipulat skond il-prezz jew il-kwantità tal-prodotti fuq is-suq;

b) l-għajnuniet li jiffavorixxu l-attivitajiet marbuta ma' l-esportazzjoni, jiġifieri l-għajnuniet marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, ma' l-istabbiliment u l-funzjonament ta' network ta' distribuzzjoni jew ma' spejjeż oħra kurrenti marbuta ma' l-attività ta' l-esportazzjoni;

c) l-għajnuniet suġġetti għall-użu preferenzjali tal-prodotti nazzjonali fuq prodotti impurtati;

d) l-għajnuniet mogħtija lil kumpaniji f'diffikultà.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet segwenti għall-espressjonijiet li ġejjin:

1) "kumpaniji fis-settur tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli": il-kumpaniji li huma attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli;

2) "prodotti agrikoli": il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat, ħlief għall-prodotti tas-sajd u ta' l-akkwakultura koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 ([1]).

*Artikolu 3*

**Għajnuniet de minimis**

1. L-għajnuniet li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu, jitqiesu li ma jissodisfawx il-kriterji kollha ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat u għaldaqstant li mhumiex suġġetti għan-notifika rikjesta mill-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

2. L-ammont totali ta' l-għajunua *de minimis* mogħtija lill-istess kumpanija ma tistax teċċedi EUR 6 000 fuq perjodu ta' tliet snin. Dan il-limitu għandu japplika irrispettivament mill-forma u mill-għan ta' l-għajnuniet.

3. L-ammont akkumulat ta' l-għajnuniet *de minimis* mogħtija minn kull Stat Membru lill-kumpaniji fis-settur tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli fuq perjodu ta' tliet snin ma jeċċedix il-valur stipulat fl-anness.

4. Il-limiti stipulati fil-paragrafi 2 u 3 huma mfissra bħala sussidji. Iċ-ċifri kollha wżati huma f'ammonti grossi, jiġifieri qabel it-tnaqqis tat-taxxi diretti. Meta l-għajnuna ma tiħux il-forma ta' sussidju, l-ammont ta' l-għajnuna li għandu jitqies huwa l-ammont ekwivalenti għas-sussidju gross.

5. L-għajnuniet li jitħallsu f'diversi pagamenti għandhom isiru skond il-valur tagħhom fil-mument tal-konċessjoni. Ir-rati ta' l-interessi li għandhom jintużaw biex isir u jiġi kkalkolat l-ammont ekwivalenti għas-sussidju gross huma r-rati ta' l-interessi applikabbli fil-mument tal-konċessjoni.

6. L-għajnuniet *de minimis* għandhom ikunu għajnuniet trasparenti. Jitqiesu bħala trasparenti l-għajnuniet li għalihom huwa possibbli li jiġi kkalkolat eżattament u *ex ante* l-ammont ekwivalenti għas-sussidju gross f'perċentwal ta' spejjeż ammissibbli mingħajr il-ħtieġa li ssir analiżi tar-riskju (pereżempju, sussidju, titjib fir-rati ta' l-interessi jew miżuri fiskali fissi).

L-għajnuniet li jikkonsistu f'self jitqiesu bħala għajnuniet trasparenti meta l-ammont ekwivalenti għas-sussidju gross huwa kkalkolat abbażi tar-rati ta' l-interessi applikabbli fis-suq fil-mument tal-konċessjoni ta' l-għajnuna.

L-għajnuniet li jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet kapitali m'għandhomx jitqiesu bħala għajnuniet trasparenti, ħlief jekk l-ammont totali tal-kontribuzzjoni f'kapitali pubbliċi ma jkunx jeċċedi l-massimu stipulat fil-paragrafu 2 għal kull benefiċjarju.

([1]) ĠU L 17, 21.1.2004, p. 2.

L-għajnuniet li jikkonsistu f'investiment kapitali m'għandhomx jitqiesu bħala għajnuniet trasparenti, ħlief jekk fil-qafas tas-sistema ta' l-investiment kapitali kkonċernat, il-kontribuzzjoni kapitali lil kull kumpanija ma tkunx teċċedi l-massimu stipulat fil-paragrafu 2 għal kull benefiċjarju.

7. L-għajnuniet *de minimis* ma jistgħux jiġu akkumulati ma' l-għajnuniet statali għall-istess spejjeż ammissibbli, jekk l-akkumulazzjoini twassal għal intensità fl-għajnuna li teċċedi l-livell stipulat fiċ-ċirkostanzi speċifiċi għal kull każ, permezz tar-regolamentazzjoni Komunitarja.

8. Jekk l-ammont totali ta' l-għajnuna konċessa għal miżura ta' l-għajnuna, jeċċedi l-massimu stipulat bl-Artikolu 2, dan l-ammont ta' l-għajnuna ma jkunx jista' jibbenefika minn dan ir-Regolament, anke għal dik il-parti li ma teċċedix dak il-massimu. F'dan il-każ, il-benefiċċju konċess b'dan ir-Regolament ma jistax jiġi invokat għal din il-miżura, la fil-mument tal-konċessjoni ta' l-għajnuna u lanqas sussegwentement.

*Artikolu 4*

**Kontroll**

1. Meta Stat Membru jipprevedi l-konċessjoni ta' għajnuna *de minimis* lil kumpanija partikolari, għandu jinfurmaha bil-miktub dwar l-ammont potenzjali ta' din l-għajnuna (espress f'ammont ekwivalenti għas-sussidju gross), kif ukoll li din l-għajnuna hija waħda *de minimis*, billi ssir referenza espliċita għal dan ir-Regolament u billi jiġu ċċitati t-titolu u r-referenza tal-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-Istat Membru għandu jkollu dikjarazzjoni mingħand kull kumpanija benefiċjarja li l-ammont ta' l-għanjuna akkwistata minnha ma teċċedix l-ammont massimu stabbilit bl-Artikolu 3(2). Jekk dan l-ammont jinqabeż, l-Istat Membru kkonċernat għandu jassigura li l-miżura ta' l-għajnuna li wasslet biex jinqabeż dan il-limitu, tkun notifikata lill-Kummissjoni jew irkuprata mingħand l-kumpanija benefiċjarja.

2. L-Istat Membru għandu biss jikkonċedi għajnuna *de minimis* wara li jkun ivverifika li dik l-għajnuna ma twassalx biex l-ammont totali ta' l-għajnuniet *de minimis* mogħtija matul il-perjodu ta' referenza ta' tliet snin, jeċċedi l-massimu stipulat bl-Artikolu 3(3).

3. Meta Stat Membru jistabbilixxi reġistru ċentrali għall-għajnuniet *de minimis* li jkun fih informazzjoni kompleta dwar kull għajnuna *de minimis* li taqa' fl-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-kundizzjoni stipulata bl-Artikolu 1(2), ma tapplikax mill-mument li r-reġistru jkun ikopri perjodu ta' tliet snin jew anqas.

4. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw u jiġbru l-informazzjoni kollha dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-reġistri hekk kostitwiti għandu jkollhom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi stabbilit jekk il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ġewx osservati.

L-informazzjoni misjuba fl-ewwel subparagrafu hija miżmuma:

a) għall-għajnuniet *de minimis* individwali, għall-perjodu ta' għaxar snin li għandhom jiddekorru mid-data tal-konċessjoni ta' l-għajnuna;

b) għas-sistemi ta' l-għajnuniet *de minimis*, għall-perjodu ta' għaxar snin li għandhom jiddekorru mid-data tal-konċessjoni ta' l-aħħar għajnuna individwali skond is-sistema kkonċernata.

5. Fuq talba bil-miktub mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu, fi żmien għoxrin jum ta' xogħol jew kwalunkwe perjodu itwal stipulat fit-talba, l-informazzjoni kollha li l-Kummissjoni tqis li hija meħtieġa biex tkun tista' tiddetermina jekk il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ġewx rispettati, b'mod partikolari l-ammont totali ta' l-għajnuniet *de minimis* konċessi lil kumpanija partikolari.

*Artikolu 5*

**Abrogazzjoni**

Ir-Regolament (KE) Nru 1860/2004 għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2008.

*Artikolu 6*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Dan ir-Regolament japplika għall-għajnuniet konċessi skond ir-Regolament (KE) Nru 1860/2004 lill-kumpaniji fis-settur tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, kemm-il darba dawn l-għajnuniet jaqgħu fl-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. Kull għajnuna li ma tissodisfax dawn l-aħħar kundizzjonijiet tiġi valutata mill-Kummissjoni skond l-oqfsa, il-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u n-noti applikabbli f'dan il-qasam.

2. Ma' l-iskadenza tal-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament, l-għajnuniet *de minimis* li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jistgħu jkomplu japplikaw abbażi tal-kundizzjonijiet previsti b'dan ir-Regolament matul perjodu supplimentari ta' sitt xhur.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ u l-perjodu ta' validità**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kummissjoni*

[...]

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**L-ammont massimu akkumulat ta' l-għajnuniet *de minimis* konċessi lill-kumpaniji fis-settur tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli għal kull Stat Membru, skond l-Artikolu 3(3)**

*(f'EUR)*

| | |
|---|---|
| BE | 41 148 000 |
| BG | 20 784 000 |
| CZ | 21 738 000 |
| DK | 52 438 000 |
| DE | 264 060 000 |
| EE | 2 838 000 |
| IE | 37 014 000 |
| EL | 72 636 000 |
| ES | 262 800 000 |
| FR | 389 034 000 |
| IT | 274 290 000 |
| CY | 3 570 000 |
| LV | 8 286 000 |
| LT | 4 218 000 |
| LU | 1 668 000 |
| HU | 39 402 000 |
| MT | 738 000 |
| NL | 122 964 000 |
| AT | 34 824 000 |
| PL | 85 698 000 |
| PT | 43 860 000 |
| RO | 81 924 000 |
| SL | 6 624 000 |
| SK | 11 484 000 |
| FI | 25 398 000 |
| SE | 28 668 000 |
| UK | 148 326 000 |

# ATTI OĦRAJN

# KUMMISSJONI

**Pubblikazzjoni ta' talba skond l-Artiklu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-ħarsien ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-deżinjazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel**

(2007/C 151/08)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt ta' protesta skond l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 [1]. Id-dikjarazzjonijiet ta' protesta għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

SOMMARJU

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 510/2006**

**"LINGOT DU NORD"**

**Nru KE: FR/PGI/005/0301/18.6.2003**

**AOP ( ) IGP ( X )**

Din is-sinteżi tagħti l-elementi ewlenin ta' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott b'għan informattiv biss.

1. *Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:*

| | |
|---|---|
| Isem: | Institut National des Appellations d'origine |
| Indirizz: | 138, Champs Elysées<br>F-75008 Paris |
| Tel: | (33-1) 53 89 80 00 |
| Feks: | (33-1) 53 89 80 60 |
| Posta elettronika: | info@inao.gouv.fr |

2. *Grupp:*

| | |
|---|---|
| Isem: | Association Lingot du Nord |
| Indirizz: | 21, rue Duhamel Liard<br>F-59660 Merville |
| Tel: | (33-3) 28 49 65 32 |
| Feks: | — |
| Posta elettronika: | lingot-du-nord@wanadoo.fr |
| Kompożizzjoni: | produttur/ażjendi ta' l-ipproċessar ( X ) oħrajn ( ) |

3. *IT-Tip tal-prodott:*

Klassi 1.6: Frott, ħaxix u ċereali fl-istat naturali jew ipproċessati.

(1) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

4. *speċifikazzjoni:*

(sinteżi tar-rekwiżiti permezz ta' l-artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. Isem: "Lingot du Nord"

4.2. Deskrizzjoni: Tista' tissejjaħ biss "Lingot du Nord" il-fażola bajda tal-varjetà 'lingot' ikkultivata fil-Vallée de la Lys, f'ħamrija li fiha aktar minn 20 % ta' tafal (tolleranza ta' 18 %) u wara mnixxfa fuq xtilliera, imneħħija mill-fosdqa u kummerċjalizzata fis-sena tal-ħasda. Il-Lingot du Nord għandha natura fina u ratba u ma teħtieġx li tixxarrab qabel it-tisjir.

Il-fażola tingħaraf minn:

— ħbub dritti, mhux forma ta' kilwa, kważi ċilindrika, ħafna drabi bit-tarf ċatt

— kulur abjad jew abjad safrani,

— qoxra fina u tarija,

— tul medju ta' 16-il mm, b'differenza massima ta' 6 mm bejn l-iqsar u l-itwal fażola.

Il-fażola għandha l-karatteristiċi organolettiċi li ġejjin:

Minn testijiet tal-palat, imqabbla ma' fażola bajda standard, irriżulta li l-Lingot du Nord hija ppreferuta minħabba l-kulur abjad, il-qoxra fina, il-mod kif iddub fil-ħalq, il-konsistenza ratba tagħha, it-togħma tipika, mhux togħma ta' dqiq, in-natura omoġena u l-ammont żgħir ta' difetti.

Il-Lingot du Nord jiġi ppreżentat lill-konsumatur fi xbieki, f'boroż tal-plastik imtaqqbin irqiq, pakketti ta' 250 jew 500 g jew bil-kwantità (xkejjer tal-ġuta ta' 10, 25 jew 50 kg). Id-daqs tagħha huwa omoġenu, u hija aċċettata differenza massima ta' 6 mm bejn l-iqsar u l-itwal fażola. Ma jkunx fiha ħamrija, fdalijiet tal-qoxra, frak, fażola maqsuma jew imħassra, b'tolleranza ta' 0,5 % (bħala piż).

4.3. Żona ġeografika: Il-Lingot du Nord tiġi kkultivata fil-lokalitajiet fil-Vallée de la Lys, fejn hemm ħamrija li l-kontenut ta' tafal huwa ta' ≥20 % (b'tolleranza ta' 18 %). Dan il-kontenut ta' tafal jaffettwa l-mod kif il-Lingot du Nord iddub fil-ħalq.

Iż-żerriegħa li tippermettu l-produzzjoni tal-Lingot du Nord tiġu kkultivata fiż-żona ġeografika deskritta hawn taħt. Il-ħsad tal-Lingots du Nord iseħħ fl-istess żona ġeografika.

L-elenku tal-lokalitajiet imsemmija huwa kif ġej:

| Dipartiment tat-Tramuntana | dipartiment tal-pas de calais | |
|---|---|---|
| Bailleul | Berguette | Lorgies |
| Estaires | Busnes | Mont-Bernanchon |
| Haverskerque | Calonne sur la Lys | Neuve Chapelle |
| Hazebrouk | Festubert | Richebourg |
| La Gorgue | Fleurbaix | Robecq |
| Le Doulieu | Gonnehem | Sailly sur la Lys |
| Merris | Guarbecque | St Floris |
| Merville | Hinges | St Venant |
| Morbecque | Isbergues | Vieille Chapelle |
| Neuf Berquin | La Couture | |
| Nieppe | Ham en Artois | |
| Steenbecque | Laventie | |
| Steenwerck | Lestrem | |
| Strazeele | Lillers | |
| Thiennes | Locon | |
| Vieux Berquin | | |

4.4. Prova ta' l-oriġini: Wara l-ħsad, il-Lingot du Nord titqiegħed fl-ixkejjer u tiġi kkonsenjata fiċ-ċentru ta' l-għażla u l-imballaġġ. Kull xkora kkonsenjata tiġi identifikata permezz ta' tikketta li tindika l-inizjali tal-produttur, in-numru taż-żona agrikola u d-data tal-ħsad.

Wara l-għażla u l-kalibrazzjoni, il-Lingot du Nord jiġi mballat għall-kummerċjalizzazzjoni b'numru tal-lott li jippermetti l-identifikazzjoni taż-żona agrikola tal-produzzjoni tal-Lingot du Nord, iż-żona agrikola tal-produzzjoni taż-żerriegħa u d-data ta' l-imballaġġ tal-prodott.

Il-prodott tas-sena kurrenti biss jista' jiġi kkummerċjalizzat skond l-IGP. Għalhekk, il-fażola tas-sena N titlef l-indikazzjoni IĠP fis-sena N+1.

4.5. Metodu ta' produzzjoni: Il-Lingot du Nord tiġi mkabbra minn żerriegħa ċertifikata tal-varjetà lingot prodotta lokalment, bl-istess metodu tal-fażola għall-ikel, fuq żoni agrikoli li qegħdin fiż-żona IĠP u li għandhom ħamrija b'mill-inqas 20 % ta' tafal (tolleranza ta' 18 %). Il-fertilizzazzjoni tiġi ppjanata skond ir-riżultati ta' l-analiżi tal-ħamrija u l-ħtiġijiet tal-pjanta.

Meta jkunu waqgħu l-biċċa l-kbira tal-weraq, il-Lingot du Nord tinqata' u titqiegħed biex tinxef fl-apert, fuq l-ixtillieri, għal mill-inqas sebat ijiem. Meta tkun nixfet, il-Lingot du Nord tinġabar, tinħażen f'post xott u ventilat imbagħad titneħħa mill-fosdqa b'apparat tradizzjonali, msejjaħ "bogueuse" li ma jfarrakx il-fażola, jew permezz ta' l-għodda tad-dris. Wara tiġi magħżula u ppakkjata.

4.6. Rabta:

— Karatteristika partikolari: il-kapaċitajiet lokali

Il-karatteristiċi tal-Lingot du Nord jirriżultaw essenzjalment mill-kapaċitajiet lokali, applikati għal aktar minn 100 sena mingħajr modifikazzjoni. Dawn il-kapaċitajiet jikkonsistu f'metodu ta' tnixxif tradizzjonali fl-apert.

Effettivament, jinsabu referenzi għal dan it-tip ta' tnixxif sa mill-1865.

Dan it-tip ta' tnixxif ġie adottatt u, fuq kollox, ikkonservat sal-lum għax il-klima tal-Vallée de la Lys hija adattata għal dan it-tip ta' tnixxif. Din il-klima hija karatterizzata b'ammont ta' xita baxx f'Awwissu-Settembru, iż-żmien meta l-fażola titqiegħed fuq l-ixtillieri. Barra minn hekk, f'dak il-perjodu, l-irjieħ dominanti, mill-Lvant, it-Tramuntana u l-Grigal, jiffavorixxu t-tnixxif tal-fażola.

Barra minn hekk, il-fażola tinqata' meta tkun għada ma saritx kompletament, inkella ż-żerriegħa toħroġ mill-qoxra. L-istruttura ta' l-ixtillieri tippermetti li l-fażola ssir kompletament waqt li tkun qiegħda tinxef, imħarsa mix-xita.

Barra minn hekk, il-pjanura ta' la Lys hija reġjun ta' wċuħ diversifikati u ażjendi żgħar. Il-kultivazzjoni tal-Lingot du Nord hija kultivazzjoni manwali u mhux mekkanizzata. Hemm ukoll il-karattru familjari tal-kultivazzjoni, li jispjega t-trażmissjoni ta' din il-kultura minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Fl-aħħarnett, il-fosdqa tal-lingot hija inqas ħoxna minn dik ta' fażola oħra bħal "flageolet". Dan it-tnixxif fuq l-ixtillieri, flimkien mal-ventilazzjoni tajba tal-lott, jevita li l-fosdqa tibbies u jikkonserva l-finezza tal-qoxra tal-lingot. Il-lingot dejjem titneħħa mill-fosdqa permezz ta' l-għodda tad-dris tradizzjonali msejħa "bogueuse" minħabba l-qoxra fina li għandha. Din hija għodda tad-dris antika tad-dris tal-qamħ li ġiet modifikata sabiex iddur akter bil-mod sabiex jiġi evitat li titfarrak il-fażola, li jirriżulta bl-użu ta' magna tal-ħsad.

Finalment, il-pjanura ta' la Lys, kemm minħabba n-natura ta' l-użu li jsir minnha kif ukoll il-klima partikolari ppermettiet il-konservazzjoni ta' dan it-tip ta' tnixxif tradizzjonali li, assoċjat mal-konsum tal-ħsad ta' dik is-sena stess, tikkonserva l-finezza kollha tal-qoxra tal-Lingot du Nord u tikkonserva wkoll il-konsistenza ratba tagħha, u n-natura tagħha li ddub fil-ħalq.

— Karatteristiċi partikolari

Il-kultivazzjoni tal-Lingot du Nord hija adattata ħafna għall-karatteristiċi klimatiċi (karatteristiċi kemm tal-ħamrija kif ukoll tal-klima) taż-żona tal-produzzjoni.

Effettivament, il-pjanura ta' la Lys hija reġjun fertili. Tikkorrispondi ma dipressjoni vasta ċċentrata fuq la Lys karatterizzata b'kontenut għoli ta' tafal. Il-kontenut għoli ta' tafal fil-ħamrija jaffettwa t-togħma tal-fażola kif ukoll il-mod kif ma titgħaffiġx meta tissajjar.

Min-naħa l-oħra, il-pjanura ta' Lys għandha inqas umdità mir-reġjun viċin ta' Lille. Din l-umdità baxxa, li tippersisti s-sena kollha u tiffavorixxi l-iżvilupp tal-fażola, li titlob ħamrija rikka, la niexfa wisq (li jimpedixxi t-tnibbit tal-fażola) u lanqas umda żżejjed (li jikkawża t-taħsir tal-fażola).

Il-klima hija karatterizzata wkoll minn temperatura regolari u ta' livelli aċċettabbli, mhux sħuna ħafna fis-sajf fejn is-sħana ta' matul il-jum tibqa' moderata u l-iljieli ma tantx jiksħu billi s-sema jkun imsaħħab. Barra minn hekk, l-umdità relattiva tkun dejjem suffiċjenti u n-nixfiet huma rari. Din il-klima taqbel b'mod partikolari għal-Lingot du Nord, li tikber tajjeb ħafna fuq ħamrija taflija u sili-kuża u ma tħobbx xita abbondati, b'mod speċjali meta tinbet u meta ssir u li teħtieġ is-sħana u ħamrija umda sabiex tikber sew (b'mod regolari).

Finalment, tmiem ta' l-istaġun xemxi jippermetti lil-Lingot li ssir sew fil-fosdqa u li titnixxef b'mod tradizzjonali fuq l-ixtillieri.

Dan għaliex ilha titkabbar għal aktar minn 100 sena, bl-istess żerriegħa prodotta lokalment, tant li addattat ruħha perfettament għall-kundizzjonijiet klimatiċi.

Din iż-żerriegħa, riprodotta bil-galbu kull sena mill-ħsad preċedenti titneħħa mill-fosdqa għaliha weħidha, ftit qabel ma titħawwel. Fil-fatt instab li l-fażola tikber aħjar b'żerriegħa mneħħija mill-fosdqa ftit qabel ma titħawwel.

Finalment, il-kultivazzjoni tal-lingot hija tipika tar-reġjun fl-użu ta' żerriegħa adattata perfettament għall-kundizzjonijiet klimatiċi tar-reġjun li, flimkien mal-metodi tradizzjonali tal-kultivazzjoni u t-tnixxif, jirriżultaw f'qoxra fina u tarija u l-konsistenza ratba tal-ħbub li jdubu fil-ħalq.

— Reputazzjoni

Minħabba l-klima u xemx favorevoli għat-tkabbir tal-lingot, il-kultivazzjoni tal-Lingot du Nord saret tradizzjonali fir-reġjun ta' Merville. Effettivament, instabu referenzi għal din il-kultivazzjoni fid-distretti (*arrondissements*) ta' Armentières, Hazebrouk u Merville sa mill-1856. F'dak iż-żmien kienet il-varjetà ewlenija ta' fażola kkultivata fir-Tramuntana. Minn dak iż-żmien, il-Lingot du Nord ġiet ippreżentata fil-Wirja Universali ta' l-1867. Fl-1909, tħawlu 4 400 ettaru ta' fażola.

Fl-1950, is-Sur CASSEZ iddikjara li "Il-Lingot du Nord hija l-aktar tip ta' fażola mifrux fil-Vallée de la Lys".

Il-Lingot du Nord tintuża wkoll mir-ristoranti reġjonali li joffru "ravjul taż-żrinġijiet b'meraq tat-tursin u l-Lingot du Nord", jew denb tal-barri bil-Lingot du Nord u anki stuffat tad-dar bil-Lingot du Nord.

Fil-mument, il-Lingot du Nord hija fost il-karattri msemmijin fil-Kċina tal-Pas de Calais tat-Tramuntana.

Finalment, manifestazzjoni msejħa "Ducasse à Pierrots" tittella' kull sena fir-reġjun tat-Tramuntana tal-Pas de Calais, b'mod partikolari fil-Belt ta' Saint André lez Lille. Sa mill-1920, fil-menù ta' din il-manifestazzjoni tradizzjonalment tidher il-Lingot du Nord akkumpanjata miz-zalzett affumikat.

4.7. Organu ta' Spezzjoni:

| | |
|---|---|
| Isem: | Qualinorpa |
| Indirizz: | 116, rue du Général Leclerc<br>F-59350 Saint André lez Lille |
| Tel: | (33-3) 28 38 94 84 |
| Feks: | (33-3) 28 38 90 87 |
| Posta elettronika: | contact@qualinorpa.com |

4.8. Tikkettar: Skond ir-regolamenti fis-seħħ, dawn għandhom jindikaw b'mod speċjali il-karatteristici li jidentifikaw il-prodott ("Prodott tas-sena", "Iddub fil-ħalq", "M'hemmx għalfejn tixxarrab").